# UĦUD MILL-PILLBOXES LI NSIBU FIL-MELLIEĦA – 3

Kitba ta' Charles Debono

Kif jindika t-titlu ta' l-artiklu se nkomplu fejn ħallejna s-sena l-oħra. F'dan it-tielet artiklu, se nsiru nafu fuq iktar pillboxes li hawn fir-raħal tagħna. Il-Mellieħa nistgħu ngħidu li għad fadlilha numru sabiħ ta' strutturi militari, peress li fejn jinsabu għadu ma' ġiex żviluppat. Mela biex ma ntawwalx, niġi mal-ewwel għall-pillboxes li se nitkellmu fuqhom.L-ewwel pillbox li se nitkellmu fuqha hi dik li qiegħda fl-inħawi magħruf bħala 'Id-Dahar'. F'dawn l-inħawi nsibu sensiela ta' pillboxes li kienu jiffurmaw parti mit-tieni difiża jew aħjar il-linja li kellha twaqqaf l-avvanz ta' l-għadu f'każ ta' invażjoni. Din il-pillbox u l-oħrajn li qegħdin f'dawn l-inħawi, huma mibnijin f'linja dritta li tibda mit-Torri l-Aħmar u twassal sa Ras il-Qammieh. Dawn il-pillboxes qegħdin mibnijin fuq l-għoljiet li nsibu f'dawn l-inħawi. Din il-pillbox qiegħda mibnija f'tarf waħda minn dawn l-għoljiet. Fil-fatt din il-pillbox, qiegħda fil-Punent ta' din il-linja ta' difiża, eżattament fl-iktar post imbiegħed ta' l-istess linja, F'din il-pożizzjoni l-pillbox setgħet tħares l-art li qiegħda fil-Majjistral, miċ-Ċirkewwa sa Rdum il-Qawwi.

Din il-pillbox għandha l-faċċata tagħha ġejja għan-nofs tond. Inbniet bejn l-1935-39, u hi mibnija bil-ġebel tal-gagazza. Għandha żewġ toqob tawwalin għal machine-guns u toqba fin-nofs għall-ixkubetta. Fuq ġewwa l-machine guns kienu jitpoġġew fuq żewġ postazzjonijiet tal-konkos u s-suldati li kienu jkunu mal-machine guns, kellhom bank nofs tond tal-konkrit biex joqgħodu bil-qiegħda fuqu. L-istruttura għandha turretta għall-osservazzjoni u l-entratura qiegħda fuq wara li tingħalaq b'bieba tal-ħadid. Din l-istruttura għandha dehra mill-isbaħ u għadha f'kundizzjoni tajba.

It-tieni pillbox li se nitkellmu xi ħaġa



Il-*Pillbox* li hemm fl-inħawi ta' 'Id-Dahar'. Din il-Pillbox għandha dehra mill-isbaħ u għadha f'kundizzjoni tajba.



Dehra ta' l-istess *Pillbox* minn wara.



Il-*Pillbox* li hemm fl-inħawi msejħa 'Id-Dahar'. Din tiġi wkoll fit-tieni linja ta' difiża, wara l-ewwel linja li hemm fl-inħawi ta' l-Għadira



*Pillbox* oħra li hemm fil-Wied tal-Ħanżira. Din inbnet ukoll bejn l-1935–39 u qegħda wkoll fit-tieni linja ta' difiża.



Il-*depthpost* li hemm fuq ix-xellug tat-telgħa tal-Għadira.



Il-*beachpost* li hemm fil-Bajja tal-Mistra.



Dehra minn wara tal-*beachpost* li qegħda fil-ponta tal-Griebeg.



Il-*beachpost* li hemm l-Aħrax. Din qiegħda hemm biex tiddefendi l-bajja żgħira li hemm ftit 'il bogħod minnha.

fuqha, hi dik li qiegħda fiż-żona magħrufa bħala "Il-Wied ta' l-Għajn". Din il-pillbox jew aħjar id-Depthpost, tiġi fit-tieni linja ta' difiża, wara l-ewwel linja li qiegħda fil-bajja ta' l-Għadira. Din il-pillbox bħal l-ewwel waħda għandha l-faċċata tagħha ġejja għan-nofs tond. Inbniet bejn l-1935-39 u hija mibnija bil-ġebel tal-gagazza. Din il-pillbox qiegħda mibnija fuq platform. Għandha żewġ toqbiet tawwalin għall-machine guns u fuq ġewwa għandha żewġ bankijiet nofs tond tal-konkos.

Għandha ukoll turretta għall-osservazzjoni u l-bokka port qiegħed fuq wara.

It-tielet pillbox li se nitkellmu fuqha hi, tinsab ukoll qiegħda fil-Wied ta' l-Għajn. Peress li qiegħda fit-tieni linja ta' difiża, allura taqa' taħt il-kategorija ta' depthpost. Din il-pillbox minn barra tidher baxxa ħafna. Tikkonsisti minn żewġ toqbiet tawwalin għal machine guns, u turretta fuq is-saqaf fin-nofs. Il-bokkaport tagħha qiegħed fuq wara u jingħalaq bi bwejba tal-ħadid. Din l-istruttura hija mibnija bil-ġebel tal-gagazza u nbniet bejn 1935-1939.

Ir-raba' pillbox li se nittrattaw xi ħaġa fuqha, hi dik li qiegħda fuq ix-xellug tat-telgħa tal-Għadira. Din inbniet hemm biex tipproteġi t-triq li twassal sar-raħal. Din taqa' taħt il-kategorija ta' Depth post, fi ftit kliem parti t-tieni linja ta' difiża, u tiġi fl-istess linja tat-tnejn ta' qabel, li tkellimna fuqhom. Il-pillbox inbniet bejn l-1935-39, jiġifieri ma' l-ewwel grupp. Bħal dan il-mudell, m'hawnx aktar fil-Mellieħa. Għandha toqba waħda għal machine-gun u toqob oħrajn għall-osservazzjoni.

Il-ħames pillbox li se ngħidu xi ħaġa fuqha hi dik li qiegħda fil-Ponta tal-Grebeġ. Din taqa' taħt il-kategorija ta' beachpost. L-istruttura nbniet bejn l-1935-39 u qiegħda miksija bil-ġebel tal-gagazza. Għandha turretta ta' l-osservazzjoni, kif ukoll kmajra żgħira għas-searchlight, peress li tinsab ħdejn il-baħar. Bħala difiża fuq in-naħa ta' quddiem, għandha tliet toqbiet għall-machine guns u fuq ġewwa għandha bankijiet tal-konkrit biex is-suldati, jkunu jistgħu joqgħodu bil-qiegħda. Fuq wara għandha bukkaport, li kien jingħalaq b'żewġ bwejbiet tal-ħadid. Is-suldati minn hemm kienu jidħlu. Minħabba li kien ittieħed il-blat tat-tarf għall-breakwater, bi żmien ċediet parti minn din il-pillbox.

Is-sitt Pillbox li se nitkellmu fuqha hi dik li qiegħda fil-Bajja tal-Mistra. Din il-Beachpost inbniet bejn il-1935-39 u għandha għamla



Il-*pillbox* li hemm f'Ta' Qassisu.
Din inbniet mill-ġebla tal-franka.



Il-*beachpost* li hemm f'Ras il-Miġnuna. Viċinha hemm postazzjoni ta' kanun ta' kontra il-baħar.

tawwalija u għandha turetta fin-nofs. Għandha wkoll żewġ toqob għall-machine guns. Fuq in-naħa tax-xellug għandha bukka port li jingħalaq b'żewġ bwejbiet tal-ħadid. Dawk il-pillboxes li ma kienux jiġu miksijab'ġebel tal-gagazza, kienu jiġu miżbugħa camouflage. L-ewwel kienu jingħataw passata żebgħa isfar ċar u wara jagħmlu linji mgħawwġin biex jiġu jixbħu l-ħitan tas-sejjieħ. Kien isir hekk billi kienu jkunu qalb ir-raba'.

Is-seba' pillbox li se nitkellmu xi ħaġa fuqha hi dik ta' l-Aħrax. Din il-pillbox, jew aħjar beachpost għax qiegħda ħdejn il-baħar, għandha forma ta' kaxxa, b'turetta fuq is-saqaf fin-nofs u nbniet bejn l-1939-42. Għandha żewġ sulari u biex titla' fuq kellha sellum fin-nofs. Fit-tieni sular għandha erba' toqbiet rettangulari għall-machine guns. Fil-ħajt tax-xellug tal-lemin u ta' wara, fiż-żewġ sulari hemm żewġ toqbiet żgħar għall-ixkubbetti, filwaqt li fuq wara hemm bukka port li jingħalaq b'bieba tal-ħadid, Fuq il-ħajt tal-faċċata, kważi fin-nofs, għandha toqba xi ftit kbira, u ftit 'il fuqminnha hemm toqba żgħira. Ta' l-ewwel jista' jkun li kienet għal xi kanun żgħir. Fuq il-lemin tagħha hemm kmajra żgħira għas-searchlight u l-ġenerejter. Fiż-żewġ kantunieri tal-faċċata, din il-beachpost għandha żewġ toqbiet, minfejn kien joħroġ id-dawl tas-searchlight. Il-pillboxes jew aħjar il-beach posts li ma kinux jiġu miksija bil-ġebel tal-gagazza u li iżda kienu jkunu ħdejn il-baħar, ġeneralment kienu jinżebgħu kulur il-blat.

It-tmin pillbox li se ngħidu xi ħaġa fuqha, hi dik li qiegħda f'Ta' Qassisu. Il-materjal li ntuża biex inbniet din il-binja, hu xi ftit differenti mill-oħrajn li semmejna qabel, għax hi mibnija mill-istess materjal. Din inbniet bejn l-1939-42 u għandha għamla rettangolari. Il-pillbox qiegħda mibnija fuq platform tal-konkos u għandha toqba xi ftitdejqa u tawwalija. Din kienet tintuża kemm biex titpoġġa xi xkubetta, kif ukoll biex jittawlu. Fuq il-ħajt ta' wara fiż-żewġ kantunieri, hemm l-istess tip ta' toqba bħal tal-faċċata u fuq ix-xellug hemm il-bokka port minn fejn kienu jidħlu. Apparti li għandha l-kmajra tas-searchlight, li qiegħda tmiss mal-kantuniera tax-xellug ta' l-istess pillbox, għandha wkoll turetta żgħira fin-nofs, fuq is-saqaf. It-turetta għandha tliet toqbiet għall-osservazzjoni, filwaqt li l-kmajra tas-searchlight, għandha żewġ toqbiet kwadri, fiż-żewġ kantunieri tal-faċċata u bwejba żgħira fuq wara.

L-aħħar pillbox li se nitkellmu fuqha hi dik li qiegħda fil-post imsejjah 'Ras il-Miġnuna'. Din taqa' taħt il-kategorija ta' beachpost u qiegħda hemm biex tiddefendi l-kosta li hemm quddiemha. Il-faċċata ta' l-istruttura ġej għan-nofs tond, filwaqt li wara għandu forma ta' 'L'. Il-beachpost għandha żewġ toqbiet tawwalin għall-machine guns u bokka port fuq wara. Ftit 'il fuq minnha, fuq in-naħa tax-xellug, hemm il-kmajra tas-searchlight. Din il-beachpost hi xi ftit differenti mill-oħrajn, għax ftit 'il bogħod minnha, l-istess fuq ix-xellug, imma ftit 'l isfel, hemm postazzjoni tal-kanun, biex jiddefendi l-istess inħawi, mill-ħbit mill-baħar.

Dawn id-disa' Pillboxes li tajna titwila lejhom huma fost il-fdalijiet tat-tieni gwerra li nsibu madwar ir-raħal tagħna. Irridu lkoll nifhmu li dawn il-binjiet huma parti mill-istorja tagħna, u parti mill-wirt storiku tal-Mellieħa. B'hekk irridu nibżgħu għalihom u ngħozzuhom.